**Laqgha Numru 08/K6/2010**

**Introduzzjoni**

It-Tminn Laqgha tas-Sitt Legislatura tal-Kunsill Lokali Pembroke ghas-sena 2010 li saret nhar l-Erbgha 24 ta' Marzu 2010.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Ufficcju Amministrattiv tieghu, Triq Alamein, Pembroke, fil-5.30 pm.

Prezenti: Is-Sindku Joe Zammit, il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli u l-Kunsilliera Lauro Fava u Joe Brincat flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg.

Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat kienet skuzata.

**Agenda**

Il-Kunsill mexxa fuq l-avviz li gie ppubblikat fis-16 ta' Marzu 2010. L-Agenda kienet:

**01. Approvazzjoni tal-Minuti 06/K6/2010.**

**02. Punti li johorgu mill-Minuti 06/K6/2010.**

**03. Approvazzjoni tal-Minuti 07/K6/2010.**

**04. Punti li johorgu mill-Minuti 07/K6/2010.**

**05. Tqeghied ta' dokumenti u rapporti.**

**06. Komunikazzjoni mis-Sindku u l-Kunsilliera.**

**07. Mistoqsijiet.**

**08. Korrispondenza.**

**09. Kumitati Kongunti ta' l-LES u n-NHDJC.**

**10. Attivitajiet Kulturali, Edukattivi u Socjali.**

**11. Approvazzjoni tal-kontijiet.**

**12. Materji Ohra.**

## 01. Approvazzjoni tal-Minuti 06/K6/2010.

1.01. Is-Sindku Joe Zammit ippropona l-approvazzjoni tal-Minuti riferenza 06/K6/2010 kif ipprezentati.

1.02. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

1.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 02. Punti li johorgu mill-Minuti 06/K6/2010.

2.01. Peress li ma kienx hemm punti pendenti s-Sindku Joe Zammit ghadda ghas-suggett li kien imiss.

## 03. Approvazzjoni tal-Minuti 07/K6/2010.

3.01. Is-Sindku Joe Zammit ippropona l-approvazzjoni tal-Minuti riferenza 07/K6/2010 kif ipprezentati.

3.02. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

3.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 04. Punti li johorgu mill-Minuti 07/K6/2010.

4.01. Peress li ma kienx hemm punti pendenti s-Sindku Joe Zammit ghadda ghas-suggett li kien imiss.

## 05. Tqeghied ta' dokumenti u rapporti.

5.01. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg ipprezenta lill-Kunsill **Internal Memo 30/2010** b'rapport tal-Bord ta' l-Ghazla dwar kwotazzjoni 01/2010 **(Ara dokument A); Internal Memo 31/2010** b'rapport dwar dak diskuss dwar il-kuntratt ta' l-iskart u materji ohra **(Ara dokument B); Internal Memo 32/2010** b'rapport ta' l-azzjonijiet mehuda bejn laqgha riferenza 06/K6/2010 u 08/K6/2010 **(Ara dokument C); Internal Memo 33/2010** b'lista tal-laqghat li saru bejn laqgha riferenza 06/K6/2010 u 08/K6/2010 **(Ara dokument D);** Performance Report ta' l-iskrivana Alison Micallef u Kirsty Rizzo **(Ara dokument E u F);** Flyer ta' l-attivita' ta' Hamis ix-Xirka **(Ara dokument G)** u Flyer dwar l-attivita' ta' l-Ghaqda Anzjani Pembroke **(Ara dokument H)**.

## 06. Komunikazzjonijiet mis-Sindku u l-Kunsilliera.

6.01. Is-Sindku Joe Zammit irrefera ghall-Internal Memos ipprezentati mis-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg.

6.02. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li bi qbil mad-dirigenti tieghu (WSC) il-hinijiet li jkun jista' jattendi laqghat imsejha mill-Kunsill, sakemm ma jkunux ma' dipartimenti/ministeri, konferenza jew xi emergenzi, ser ikun skuzat biss wara nofs inhar.

6.03. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li minhabba li s-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg kien indispost u l-laqgha mal-ETC thassret, issa ghandha tintalab laqgha ohra fil-qrib kemm jista' jkun malajr. Il-kelliem qal li l-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ghandha tavza lill-Kunsill b'data u hin iehor meta tista' issir din il-laqgha u jekk ma tistax ser ikun huwa li jaghmel il-laqgha.

6.04. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li l-emails li l-Kunsill qed jibghat kif mitlub bil-ligi lill-Vici Sindku Alfred Mazzitelli, lill-Kunsillier Lauro Fava u lill-Kunsillier Joe Brincat qed jigu lura minhabba li ghandhom il-mail box mimlija. Il-kelliem talab il-koperazzjoni ta' kulhadd sabiex ma jkunx hemm telf ta' hin bla bzonn.

6.05. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li wara komunikat bit-telefon li ghamlet l-iskrivana Kirsty Rizzo jirrizulta li diversi mportaturi tal-palm kienu nfurmaw lill-Kunsill li bhalissa ma jistax jithawwel palm gdid minhabba l-marda tal-bumunqar.

6.06. Fid-dawl ta' dan is-Sindku Joe Zammit ippropona li t-thawwil tal-palm li kien approvat ghandu jigi sospiz sakemm il-Kunsill ikollu informazzjoni fil-pozittiv.

6.07. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

6.08. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 07. Mistoqsijiet.

7.01. Peress li ma kienx hemm mistoqsijiet is-Sindku Joe Zammit ghadda ghas-suggett li kien imiss.

## 08. Korrispondenza.

8.01. Fuq il-mejda tal-Kunsill qabel u waqt il-laqgha, kien hemm esebiti l-kontijiet, l-ilmenti u l-korrispondenza kollha li dahlet u harget bejn is-17 ta' Frar u d-9 ta' Marzu 2010 u dan ghas-sodisfazzjon tal-Kunsilliera.

**46/1709/10/I** 05/03/2010 E-mail minghand l-iskola Sir Adrian Dingli fejn talbu l-ghajnuna tal-Kunsill sabiex tinstab soluzzjoni u jitkompla l-process ta' tbattil tal-Bring in Sites mill-iskola taghhom.

8.02. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/1709/10/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li dawn jigu nfurmata li dan m'humiex kompitu tal-Kunsill minhabba li jinsabu gewwa l-iskola.

8.03. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

8.04. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/1747/10/I** 08/03/2010 E-mail minghand Luxol Sports Club fejn informa l-Kunsill li delegazzjoni minn Scotland ser jaghmlu zjara Malta bejn l-10 u l-14 ta' April u talbu biex nhar it-Tnejn 12 ta' April jiltaqghu mal-Kunsill bejn is-1.00pm u l-4.00pm u talbu konferma.

8.05. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/1747/10/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jiltaqa' ma' din id-delegazzjoni nhar it-Tnejn 12 ta' April fis-1.30pm.

8.06. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

8.07. Il-Kunsill qabel unanimament.

8.08. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli nforma lill-Kunsill li fil-laqgha tal-kumitat ta' Pembroke Athleta FC li kien prezenti ghaliha minhabba li huwa membru tal-kumitat, il-membri tal-kumitat infurmawh li l-item ta' PPP dwar il-club house li ghandu l-klabb fi Triq Tunis m'ghandux jigi diskuss ma' l-Onor. Chris Said fil-laqgha li ser issir mieghu minhabba li m'ghadhomx interessata.

**46/1749/10/I** 08/03/2010 E-mail minghand l-AKL fejn informa l-Kunsill li l-laqgha dwar ir-riforma fl-LES ser isir nhar l-Erbgha 7 ta' April gewwa l-Kunsill Lokali ta' B'Kara fis-2.00pm.

8.09. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/1749/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera kif ukoll li kienu mistiedna li jattendu huwa u s-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg.

**46/1766/10/I** 09/03/2010 E-mail minghand il-Perit Kevin Fsadni fejn baghat ir-rapport ghall-progett ta' Pembroke Battery.

8.10. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/1766/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li dan ir-rapport intbaghat ghall-approvazzjoni. Il-kelliem qal l'intant fil-laqgha li saret mal-PPCD l'attenda s-Segretarju Ezekuttiv, kien indikat li jekk kemm il-darba l-progett jigi maghzul u jinghataw il-fondi ta' l-ERDF, il-Kunsill irid jara kif ser

jiffinanzja l-hlas ta' gwardjan tal-lokal waqt il-hinijiet tal-ftuh tal-Batterija ghall-hinijiet tal-pubbliku kif ukoll irid jaghti ndikazzjoni u previzjoni ta' l-ammont ta' turisti li dan il-progett ser jiggenera. Il-kelliem qal li ghalhekk jidher li l-fondi li jinghataw taht din l-iskema mhux ser ikopru l-immanigjar tal-post u ghalhekk se jhalli piz kbir finanzjarju ghall-Kunsill li mhux possibbli li jmantnih. Ghalhekk fid-dawl ta' dawn ic-cirkostanzi l-kelliem ippropona li l-Kunsill ma jkompliex bil-progett u tinkiteb ittra lis-Seg. Parlamentari Dr. Chris Said fejn jigi spjegat lilu ghaliex il-Kunsill mhux se jkompli kontra qalbu ghat-talba ghall-fondi ghal dan il-progett.

8.11. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

8.12. Il-Kunsill qabel unanimament.

8.13. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li l-Kunsill jitlob lill-Perit tal-Kunsill Kevin Fsadni sabiex minghajr telf ta' zmien iehor imexxi l-applikazzjoni li l-Kunsill ghamel lill-MEPA sabiex tinbena kalata tal-bocci, liema applikazzjoni ghalkemm il-Kunsill hallas il-mizata dovuta ghada ma gietx ssottomessa lill-MEPA.

8.14. Is-Sindku Joe Zammit issekonda u qal li l-Perit ghandu jaghti nformazzjoni lill-Kunsill ghala kien hemm dan id-dewmein u xi problemi hemm.

8.15. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/1772/10/I** 09/03/2010 — E-mail minghand is-Sinjura Carmen Borg milll-GRTU fejn talbet biex ssir laqgha mal-Kunsill.

8.16. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/1772/10/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jaccetta t-talba tal-GRTU sabiex issir din il-laqgha.

8.17. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

8.18. Il-Kunsill qabel unanimament.

8.19. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg fakkar lill-Kunsill li l-allegazzjonijiet li ghamel is-sur Joe Attard, esponent tal-GRTU, fil-konfront tieghu ghadhom ma gewx irtirata u ghalhekk talab li jkun skuzat milli jattendi ghal din il-laqgha. Il-kelliem talab lis-Sindku Joe Zammit sabiex ma jiddiskutiex l-allegazzjonijiet li saru fil-konfront tieghu mir-rapprezentanti tal-GRTU minhabba li jista' jimmina process iehor.

8.20. Is-Sindku Joe Zammit talab lis-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg li jekk ihossu skomdu ma jattendix izda jiddelega lil xi hadd iehor sabiex ikun jista' jiehu l-Minuti.

**46/1791/10/I** 10/03/2010 — Ittra minghand l-Onor. Dr. Chris Said fejn b'riferenza ghall-konferenza ta' l-ECAD li ser issir bejn it-22 u l-24 ta' April 2010 fejn baghat lill-Kunsilli Lokali kollha sabiex iheggeg lis-Sindki u lill-Kunsilliera jattendu ghall-konferenza.

8.21. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/1791/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-kelliem bil-quddiem irringrazzja lis-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg tax-xoghol li qed jaghmel konness ma' din il-konferenza.

**46/1804/10/I** 10/03/2010 — E-mail minghand il-Kumpanija Future Focus fejn b'riferenza ghall-laqgha li saret maghhom fejn il-Kunsill wera nteress li jahdem maghhom fuq progett li jinvolvi gemellagg jew progett ta' l-EU baghtet kwotazzjoni ta' l-ispejjez li jinvolvu €1,000 biex jiktbu l-progett u €1,000 ghal koordinazzjoni.

8.22. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/1804/10/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li fic-cirkostanzi finanzjarji li jinstab fihom il-Kunsill, din it-talba m’ghandiex tigi accettata meta fl-istess hin hemm il-MEUSAC li taghti ghajnuna minghajr hlas lill-Kunsilli f’dan il-qasam, liema servizz huwa wiehed tajjeb

8.23. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

8.24. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/1811/10/I** 10/03/2010 Ittra minghand l-Ghaqda Anzjani Pembroke fejn informaw lill-Kunsill li l-laqgha li jmiss ser issir nhar il-Hamis 6 ta' Mejju fl-4.30pm.

8.25. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/1811/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/1821/10/O** 11/03/2010 E-mail minghand is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg fejn staqsa lill-membri tal-Kunsill jekk ghandhomx interessati li jiehdu sehem fl-iskema ta’ finanzjament ghall-lokalitajiet sostenibbli.

8.26. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/1821/10/O** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li huwa kien ghamel l-applikazzjoni taht dan il-programm u s-Segretarju Ezekuttiv ha l-applikazzjoni fil-hin stabbilit.

**46/1856/10/I** 12/03/2010 Ittra mill-ETC fejn b'riferenza ghall-iskema xoghol fil-komunita' mal-Kunsilli nforma l-Kunsill li peress li s-sitt xhur tal-partecipanti waslu biex jiskadu talbu konferma bil-miktub jekk il-Kunsill hux se jzomm lill-partecipant kif ukoll talba ghall-partecipanti godda.

8.27. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/1856/10/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill ghandu jkompli b’dan is-servizz kif ukoll li ghandu jintalab persuna ohra minhabba li l-Kunsill Lokali Pembroke m’ghandux nies tal-IPSL bhal Kunsilli ohra li ghandhom mat-tnejn.

8.28. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

8.29. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/1859/10/I** 12/03/2010 E-Mail minghand l-AKL fejn baghtu l-formoli ghall-laqgha ghas-Sindki u l-Vici Sindki li ser issir nhar il-Gimgha 14 u s-Sibt 15 ta' Mejju 2010 gewwa l-lukanda Calypso Ghawdex.

8.30. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/1859/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li jekk is-Sindku jew il-Vici Sindku ser ikunu akkumpanjati mill-partner taghhom, huma ghandom ihalsu personalment l-ispejjez tal-partner taghhom.

**46/1875/10/I** 12/03/2010 E-mail minghand Dun Rene’ Vella fejn informa l-Kunsill li qed jorganizza Via Sagra nhar il-Hadd 28 ta' Marzu li tibda fis-6.30pm u talab sabiex jaghmlu uzu mill-gnien Madre Teresa ta' Kalkutta u sabiex jinghalqu numru ta' toroq.

8.31. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/1875/10/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill japprova din it-talba.

8.32. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

8.33. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/1896/10/I** 15/03/2010 Ittra minghand il-Perit David Vassallo fejn b'riferenza ghall-ittra tal-Kunsill datata 1 ta' Marzu 2010 rigward l-uzu tal-Park and Ride gewwa l-Ex Parade Ground, infurmaw il-Kunsill li huma ser ikomplu x-xoghol

skond il-permess tal-MEPA u li ghandhom johorgu t-tender fix-xhur li gejjin.

8.34. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/1896/10/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jitlob laqgha mal-Ministru Austin Gatt dwar l-access u l-pjanti ta' dan il-progett u dan minhabba l-fatt li mill-pjanti approvati jidher li x-xoghol mhux ser isir kif kien gie diskuss mal-Kunsill snin ilu.

8.35. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

8.36. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/1975/10/I** 17/03/2010 E-mail minghand l-AKL fejn baghtu kopja ta' e-mail li rcievew minghand Dr. Charmaine Gauci dwar progett ta' l-Aerobics u qed jistaqsu l-Kunsilli jekk jixtiequx jippartecipaw.

8.37. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/1975/10/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jippartecipa f'din l-attivita'.

8.38. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

8.39. Il-Kunsill qabel unanimament.

8.40. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg fakkar lill-Kunsill li dawn il-lezzjonijiet ser ikunu miftuha ghal kulhadd u jistghu japplikaw ukoll persuni li ma jkunux residenti mill-lokal minhabba li l-Kunsilli li ser jintaghzlu ser iservu ta' 7 centri madwar Malta.

**46/1987/10/I** 17/03/2010 E-mail mill-Association of Podiatrista of Malta (APM) fejn informaw lill-Kunsill li qed ifittxu sala sabiex jaghmlu tahditit edukattivi u lectures professjonali ghall-pubbliku u talbu lill-Kunsill sabiex jaghtuhom kwotazzjoni ghall-kiri tas-sala.

8.41. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/1987/10/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li jigu nfurmata li l-Kunsill ma jistax jilqa' t-talba taghhom.

8.42. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

8.43. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2006/10/I** 18/03/2010 Ittra mill-Ambaxxatur Amerikan fejn b'riferenza ghall-laqgha li saret mal-Kunsill irringrazzja l-membri tal-Kunsill ta' l-akkoljenza taghhom filwaqt li nforma l-Kunsill li ser jipprova jsib post mill-Amerika ghal relazzjoni u hbiberija ma' Pembroke.

8.44. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2006/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/2015/10/O** 18/03/2010 E-mail li l-Kunsill baghat lil Ms. Paulina Lonnroth fejn Pembroke ura x-xewqa li jitfa' n-nomina tieghu sabiex ikun maghzul bhala membru li jirrapprezenta l-Malta fl-Advisory Board ta' l-ECAD ghal 4 snin li gejjin.

8.45. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2015/10/O** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/1734/10/I** 08/03/2010 E-mail minghand l-Ghaqda Maltija ta' l-Ortikultura fejn informaw lill-Kunsill li ser jorganizzaw il-wirja annwali gewwa l-gonna ta' Sant' Anton bejn is-Sibt 1 u l-Hadd 2 ta' Mejju 2010 u staqsew il-Kunsill jekk jixtieqx jippartecipa billi tigi rrangata qoffa bi hxejjex ta' ikel u frott.

8.46. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/1734/10/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jippartecipa f’din l-attivita’ kif ukoll jigu mitluba jipprovdu l-arrangament huma stess.

8.47. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

8.48. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/1774/10/I** 09/03/2010 E-mail mill-Ghassa ta’ San Giljan fejn informa l-Kunsill li ma rcievewx rapporti li sehh xi ncident fi Triq Gioacchino Le Brun u ssuggerixxa li jsir rapport ufficjali l-Ghassa u tintbaghat stima tal-hsara.

8.49. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/1774/10/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Ghassa ghandhom jigu nfurmata li l-korrispondenza li baghat il-Kunsill ghandha titqies bhala rapport ufficjali.

8.50. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

8.51. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/1809/10/I** 10/03/2010 E-mail minghand l-Iskola ta’ St. Catherine’s fejn informaw lill-Kunsill li l-iskola se ticcelebra c-centinarju u se jorganizzaw numru t'attivitajiet fosthom Lejla Maltija fit-30 ta' April u open day fit-30 ta' Mejju u talbu l-Kunsill jidentifika open araes li jkunu jistghu juzaw bhala parkegg.

8.52. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/1809/10/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li d-dirigenti ta’ St. Catherine’s High School ghandhom jigu nfurmata li fic-cirkulari li ser jibghatu jew fir-riklamar li jaghmlu ghandu jigi enfasizzat li mhux ser ikun tollerat li jkun hemm vetturi li jostakolaw it-traffiku jew ksur tar-regolamenti tat-traffiku. Il-kelliem ippropona li apparti minn dan jista’ jsir parkegg fiz-zoni li s-soltu jipparkjaw il-vetturi nkluz bisit l-Australia Hall u fl-Ex Parade Ground.

8.53. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

8.54. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/1819/10/I** 11/03/2010 E-mail minghand il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat fejn informat lill-Kunsill li rcevit telefonata minghand il-familja Zahra li toqghod Blokk 6, Flat 4, Triq Pietru D'Armenia dwar bini ta' hajt fil-gardina taghhom fejn din il-familja nfurmawha li diga xtraw il-bricks.

8.55. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/1819/10/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jikteb lill-Awtorita’ tad-Djar u ghan-nom tar-resident jinfurmhom li r-resident ghandu bzonn xi xoghol fejn diga xtara l-materjal u ghandu bzonn l-ghajnuna sabiex isir ix-xoghol.

8.56. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

8.57. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/1820/10/O** 11/03/2010 E-mail lill-membri tal-Kunsill fejn b'riferenza ghall-Operational Programm Italja-Malta 2007-2013 tlabna jaraw il-links li baghtna u jindikaw dak li jixtiequ jekk hemm interess, sabiex issir ricerka ghall-partners.

8.58. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/1820/10/O** is-Sindku Joe Zammit ippropona li wara ricerka li ghamel u minhabba li hadd ma baghat suggerimenti ma min jista’ jsir dan il-progett kif ukoll fid-dawl li Roccalumera ma jistghux jippartecipaw minhabba li Messina ma hijiex fiz-zona elegibbli, il-Kunsill m’ghandux jippartecipa f’dan il-programm.

8.59. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

8.60. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/1840/10/I** 11/03/2010 E-mail mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali fejn baghtu Memo 40/2010 - Dokument tar-Riforma tas-sistema tal-Infurzar Lokali.

8.61. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/1840/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/1899/10/I** 15/03/2010 E-mail minghand is-Sindku Joe Zammit fejn informa l-Kunsill li huwa talab lill-iskrivana Alison Micallef sabiex titlob lill-kuntrattur il-gdid ta' l-iskart jaghti x'informazzjoni lill-Kunsill peress li l-Vici Sindku ma kienx prezenti u xtaq ikun jaf iktar ghalfejn intghazel hu.

8.62. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/1899/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

8.63. Is-Sindku Joe Zammit irrimarka li l-iskips provduti mill-kuntrattur Euro Clean ma kellhomx mekkanizmu li taghfas b'saqajk sabiex jinfethu u dan mhux igeniku. Il-kelliem qal li l-Kunsill ghandu jaghti kaz ta' dan ukoll meta jevalwa t-tenders il-godda.

8.64. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li l-informazzjoni mitluba kienet diga giet sottomessa ma' l-offerta tal-kuntrattur u kien disponibbli ghall-membri kollha tal-Kunsill. **(Ara dokument I)** B'riferenza ghall-mekkanizmu ta' l-iskips il-kelliem informa lill-Kunsill li fit-tender hemm indikat li dawn irid ikollhom ftuh mekkanizzat bil-pedala.

**46/1913/10/0** 15/03/2010 **46/1874/10/I** 12/03/2010 E-mail li l-Kunsill baghat lill-istudent Franciz Matthieu Gamess fejn b'riferenza ghall-email tieghu tlabnih jinfurmana xi jrid ifisser bis-siret code.

8.65. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/1913/10/0 u 46/1874/10/I** is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li s-sur Gamess kien qed jitlob informazzjoni minghand il-Kunsill bhal SIRET Code li ma setghetx tinghata kif ukoll meta ntalab jipprovdi kopja tal-ftehim propost minnaha tieghu, liema ftehim qed jitlob li jkollu garanzija li jkun iffirmat, qal li ma jistax jibghatu minhabba li jibghatu wara li jkollu konferma bil-miktub li l-istess ftehim ser jigi accettat mill-Kunsill. Il-kelliem qal li fil-jiem li ghaddew huwa kien ikkomunika dwar dan mal-Kunsillier Evelyn Vella Brincat fejn din kienet ta' l-opinjoni li jekk jibqa' ma jwegibx ghat-talba tal-Kunsill sa qabel il-laqgha tal-Kunsill, il-Kunsill ghandu jirrinunzja ghat-talba tas-sur Gamess.

8.66. Fid-dawl ta' dan kif ukoll fid-dawl li s-sur Gamess qed joggezzjona li jipprovdi kopja tal-ftehim lill-Kunsill, is-Sindku Joe Zammit ippropona rizoluzzjoni specjali sabiex il-Kunsill jirrevoka d-decizjoni mehuda precedentament u ghalhekk ma jaccettax it-talba tieghu.

8.67. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli u l-Kunsillier Joe Brincat issekondaw.

8.68. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/1923/10/I** 15/03/2010 E-mail mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali fejn baghtu Memo 41/2010 rigward linji direttivi dwar il-kumitati regjonali.

8.69. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/1923/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/2032/10/I** 22/03/2010 — Ittra minghand TCTC fejn informaw lill-Kunsilli bil-kors li qed joffri bl-isem Ecouncils ghal tahrig lill-Kunsilliera u ghall-impjegati tal-Kunsill.

8.70. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2032/10/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li 4 membri tal-Kunsill, skrivana u s-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg ghandhom jattendu ghal dan il-kors ghas-spejjez tal-Kunsill.

8.71. Il-Kunsillier Lauro Fava ssekonda.

8.72. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2037/10/I** 22/03/2010 — E-mail minghand is-sinjura Eliane Attard fejn talbet sabiex il-Kunsill jimla' il-kwestjonarju anness dwar l-evalwazzjoni fuq l-ammont ta' partecipazzjoni tac-cittadini fil-hajja politika tal-lokal.

8.73. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2037/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li kien ser jiehu hsieb dan ir-rapport.

**46/2038/10/I** 22/03/2010 — E-mail minghad is-sur Victor Camileri minghand il-Pembroke Athleta fejn b'riferenza ghall-maratona tal-giri li ser issir nhar l-Erbgha 31 ta' Marzu talab biex tinkiteb ittra lir-residenti ta' Triq l-Imhallef William Harding sabiex ma jsirx parkegg fit-triq u talab jitpoggew sinjali ta' No Parking u nipprovdu numru ta' bins.

8.74. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2038/10/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li s-sur Camilleri jigi nfurmat li l-Kunsill ma ghandux bins kif ukoll li tintbaghat ittra lir-residenti sabiex ma jhallux vetturi.

8.75. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

8.76. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2039/10/I** 22/03/2010 — E-mail mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali fejn baghtu stedina lis-Sindku u l-Kunsillier responsabbli mill-edukazzjoni ghall-prezentazzjoni 'Il-Ktieb Pass il-Boghod Minnek' li ser issir fil-Librerija Nazzjonali fi Pjazza Regina l-Belt nhar it-Tlieta 13 ta' April 2010 fil-11.30am.

8.77. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2039/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/2040/10/I** 22/03/2010 — E-mail mill-AKL fejn baghtu kopja ta' l-ittra li baghtu lill-WSC dwar il-kontijiet pendenti u l-iffirmar tal-kuntratt bejn il-WSC u l-Kunsilli Lokali.

8.78. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2040/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/2041/10/I** 22/03/2010 — E-mail minghand is-sur Joe Debattista mid-Dipartiment tal-Librerija Pubblika fejn staqsa jekk tistax issir laqgha dwar il-kompjuterizazzjoni tal-librerija ghada it-Tlieta 23 ta' Marzu f'12.00pm u jekk le talab nipproponu data u hin iehor.

8.79. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2041/10/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li din il-laqgha ssir nhar it-Tnejn 29 ta' Marzu f'12.00pm.

8.80. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

8.81. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2049/10/I** 22/03/2010 — E-mail mill-Kunsill ta' Roccalumera fejn baghtu xi mistoqsijiet dwar iz-zjara li jixtiequ jaghmlu l-Ghaqda Anzjani Pembroke.

8.82. B’riferenza għall-korrispondenza numru **46/2049/10/I** is-Sindku Joe Zammit ipprezenta rizoluzzjoni specjali **(Ara dokument J)** u ppropona l-approvazzjoni tagħha fejn qal li fid-dawl tad-decizjonijiet meħuda fil-laqgħat precedenti, il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli biss għandu jakkompanja lill-grupp kif ukoll li l-ispejjez għandhom jinħargu mill-allokazzjoni ta’ l-attivitajiet socjali u kulturali. Il-kelliem ippropona ukoll li l-Kunsill għandu jistaqsi lil Roccalumera jekk jistgħux jipprovdu trasport minn Trapani għal Roccalumera u lura.

8.83. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli u l-Kunsillier Joe Brincat issekondaw.

8.84. Il-Kunsill qabel unanimament.

| | |
|---|---|
| **46/2079/10/I**<br>23/03/2010 | E-mail mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali fejn bagħtu Memo 44/2010 dwar mistoqsija parlamentari numru 15514 rigward bins għal skart separat u Memo 45/2010 dwar kuntratti godda dwar resurfacing ta' toroq b'sistema ta' Public Private Partnership (PPP). |

8.85. B’riferenza għall-korrispondenza numru **46/2079/10/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jippartecipa fil-progett PPP u jintalbu fondi għal Triq G. Henin, Triq Alamein u Triq Normandy skond l-istimi tal-Perit tal-Kunsill. **(Ara dokument L)** Il-kelliem qal li f’laqgħa li kienet saret f’Kastijla s-Sindki kienu gew infurmata li ser ikun hemm allokazzjoni ta’ 6 Miljun Ewro kull sena għal dan il-fond u għalhekk is-sena li gejja l-Kunsill ikun jista’ jerga’ japplika għal numru ta’ toroq oħra.

8.86. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg fakkar lill-Kunsill li dan ix-xogħol ser jorbot lill-Kunsill għall-perjodu ta’ snin u għalhekk il-finanzi tal-Kunsill vis-a-vis it-toroq ser ikun committed.

8.87. Il-Kunsillier Lauro Fava issekonda.

8.88. Il-Kunsill qabel unanimament.

| | |
|---|---|
| **46/2081/10/I**<br>23/03/2010 | E-mail mingħand is-sur Joe Debattista mid-Dipartiment tal-librerija Pubblika fejn informa l-Kunsill li fit-30 ta' Marzu fl-10.00am fi Pjazza Regina ser tigi mnedija l-Kampanja Libreriji u talab biex il-Kunsill jagħti ktieb bħala rigal lil dik il-persuna li tiffrekwenta l-aktar il-librerija tal-lokal. |

8.89. B’riferenza għall-korrispondenza numru **46/2081/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet għall-attenzjoni tal-Kunsilliera kif ukoll li huwa kien talab lill-librar sabiex jinnomina l-aktar persuna li jixraq li tingħata dan il-premju.

| | |
|---|---|
| **46/2083/10/I**<br>23/03/2010 | E-mail mingħand l-AKL fejn bagħtu procedura biex jingħata permess mill-Kunsill Lokali lill-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-ilma. |

8.90. B’riferenza għall-korrispondenza numru **46/2083/10/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jaderixxi ma’ dawn l-istruzzjonijiet u l-linji ta’ gwida.

8.91. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

8.92. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 9. Kumitati Konġunti ta’ l-LES u n-NHDJC.

9.01. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li l-ewwel laqgħa tal-Kumitat tar-Regjun ser issir fl-ewwel gimgħa ta’ April u ser ikun qed jattendi bħala membri godda f’dan il-Kumitat. Il-kelliem fakkar lill-Kunsill li l-ewwel zewg delegi tal-Kumitat tar-Regjun ser ikunu l-L.E.S. u d-delega taz-zamma u l-manutenzjoni tad-dawl tat-toroq.

## 10. Attivitajiet Kulturali, Edukattivi u Socjali.

10.01. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li l-applikazzjonijiet ghall-konferenza ta' l-ECAD ghaddejjin. Il-kelliem b'riferenza ghal dak diskuss u deciz fil-laqghat precedenti fakkar ukoll li z-zewg rapprezentanti tal-Kunsill Lokali Pembroke ghal din il-konferenza ta' l-ECAD skond l-ittra li baghat l-Onor. Chris Said huma s-Sindku u l-Vici Sindku. Is-Sindku Joe Zammit qal li l-Kunsill ser ukoll ikun qed ihallas l-akkomodazzjoni ghaz-zewg Kunsilliera Evelyn Vella Brincat u Joe Brincat biex dawn jghinu lis-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg fix-xoghol tal-logistika tal-konferenza fejn ix-xoghol taghhom fost ohrajn ser ikun li jiehdu hsieb ir-registrazzjoni tal-membri tal-Konferenza kif ukoll jekk ikun il-kaz li jakkumpanjaw lil xi Sindki skond direttivi li jinhargu mill-kumitat organizzattiv. Is-Sindku qal li huwa diga kien ikkonferma li kien ser jattendi flimkien mal-mara tieghu u naturalment huwa ser ihallas is-sehem tal-mara tieghu. Il-kelliem talab lill-membri tal-Kunsill sabiex sa qabel l-ahhar tax-xahar jikkonfermaw mas-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg jekk humiex ser jattendu u jekk hux ser ikunu akkumpanjati mill-partners taghhom, jipprovdu l-hlas necessarju bil-quddiem.

10.02. Is-Sindku Joe Zammit irringrazzja lill-Vici Sindku Alfred Mazzitelli tax-xoghol li sar biex sar it-tornament tal-futbol tad-19 ta' Marzu 2010.

10.03. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli qal li kien hemm konkorrenza tajba kif ukoll li nghatat coverage fuq il-PBS.

## 11. Approvazzjoni tal-kontijiet.

11.01. Is-Sindku Joe Zammit ressaq skeda ta' pagamenti ghad-diskussjoni. **(Ara dokument K)**

11.02. Is-Sindku Joe Zammit ippropona l-approvazzjoni tal-kontijiet kollha kif ipprezentati.

11.03. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

11.04. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 12. Materji ohra.

12.01. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill Lokali Pembroke jippartecipa fl-attivita' ta' Jum il-Helsien organizzata mill-Partit Laburista billi jinxtara bukkett fjuri u jitqieghed f'hogor il-monument tal-Helsien nhar it-Tlieta 30 ta' Marzu 2010.

12.02. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

12.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

12.04. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg fakkar lill-Kunsill li ftit tal-jiem ilu kien rega' tkisser il-fanal tad-dawl li hemm fid-dahla ta' Sit F. Il-kelliem staqsa lill-Kunsill jekk dan kienx ser jerga' jsir.

12.05. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li jitnehhew flower pots tal-konkos li hemm fi Triq il-Fortizza u hdejn Sprachcaffe u jitpoggew quddiem Sit F u wara jerga' jitwahhal pole tad-dawl gdid.

12.06. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

12.07. Il-Kunsill qabel unanimament.

12.08. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li fil-Gnien 4 ta’ Lulju qed ikun hemm hafna vandalizmu u rrakkomanda li jekk il-Kunsill mhux ser jirranga l-post dan ser jispicca iktar vandalizzat. Il-kelliem irrakkomanda li bi ftit flus dan jista’ jigi rrangat kif ukoll lill-kuntrattur koncernat maz-zamma tal-gnien ghandu jiehu hsieb li jzur il-gnien aktar frekwenti u li jithawwlu xi pjanti. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li l-haddiem ta’ l-ETC kien qed jaghmel manutenzjoni fuq il-bankijiet u l-bandli wara li gie rrangat id-dawl kollu. Il-kelliem informa lill-Kunsill ukoll li fil-gimghat li ghaddew kienu gew vandalizzati ukoll it-twieqi u l-bibien tal-hadid li saru godda ftit tax-xhur ilu.

12.09. Is-Sindku Joe Zammit qal li fil-jiem li gejjien kien ser izur il-post sabiex jara x’jista’ jsir fejn stieden lill-Kunsilliera sabiex jekk jixtiequ jkunu prezenti mieghu.

12.10. Is-Sindku Joe Zammit ghamel riferenza ghall-appell li kien sar mis-sur Mario Mallia vis-a-vis ix-xoghol t’upgrading tal-Gnien Madre Teresa ta’ Kalkutta fejn ippropona li l-Kunsill ghandu jikteb ittra lill-AKL sabiex jigi spjegat ghala dan id-dewmien kollu sabiex jinqata’ l-appell u dan minhabba li jista’ jaghti l-kaz li l-offerenti li kienu tefghu t-tender issa se jkollhom ibidlu l-prezz.

12.11. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

12.12. Il-Kunsill qabel unanimament.

12.13. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li l-Kunsill jitlob lill-Pulizija sabiex taghmel aktar sorveljanza tas-sit sabiex jitnaqqsu l-abbuzi li qed isiru fil-Gnien 4 ta’ Lulju.

12.14. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

12.15. Il-Kunsill qabel unanimament.

12.16. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li jinzebghu l-bankijiet li hemm quddiem il-Gnien il-Paci fi Triq Patri Indri Vella.

12.17. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

12.18. Il-Kunsill qabel unanimament.

12.19. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg staqsa lill-Kunsill minghand min kien ser jigi ordnat it-trasport ghall-attivita’ ta’ nhar Hamis ix-Xirka.

12.20. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li titqabbad il-kumpanija Arthur & John Coaches.

12.21. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

12.22. Il-Kunsill qabel unanimament.

12.23. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li nhar it-Tlieta 4 ta’ Mejju l-Kunsill jorganizza attivita’ billi r-residenti jittiehdu jzuru l-fabbrika tal-kumpanija Golden Harvest. Il-kelliem qal li l-prezz mitlub mill-kumpanija huwa dak ta’ € 6.00 ghal kull persuna.

12.24. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

12.25. Il-Kunsill qabel unanimament.

12.26. Il-Kunsillier Joe Brincat u s-Sindku Joe Zammit qalu li ser imorru ghand l-AFM sabiex jaraw meta ser isiru l-konok sabiex jinzerghu s-sigar li ser jigu provduta mill-Ministeru ta’ l-Affarijiet Rurali u l-Ambjent.

12.27. Il-Kunsillier Joe Brincat talab li terga' tehel it-tabella tar-Residential Parking Scheme fi Triq il-President Anton Buttigieg.

12.28. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li tinxtara zebgha biex tinghata lir-residenti ta' Blokk 2 Triq il-President Anton Buttigieg sabiex tinzebagh il-parti tal-komun tal-flat.

12.29. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg fakkar lill-Kunsill li mhux kompitu tal-Kunsill li jipprovdi dan il-materjal minhabba li skond l-Att jista' jitqies bhala donazzjoni inkind.

12.30. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

12.31. Il-Kunsill qabel unanimament.

12.32. Fuq kummenti tas-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg, is-Sindku Joe Zammit talab lis-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg sabiex tinkiteb ittra lid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali sabiex jigi ccarat jekk dan jistax isir.

12.33. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li fi Triq Gioacchino Le Brun l-Kunsill japplika sabiex isiru 2 lampi ohra ma' dik diga approvata fil-laqgha precedenti.

12.34. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

12.35. Il-Kunsill qabel unanimament.

12.36. Is-Sindku Joe Zammit ghamel riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2015/10/O** diskussa aktar qabel fejn ippropona li l-Kunsill japprova li l-Kunsill ikun nominat sabiex ghal 4 snin li gejja jkun parti mill-Advisory Bord ta' l-ECAD u dan sabiex tkun ta' kontinwazzjoni ta' dak li gie diskuss fil-laqgha li saret fil-Belgju nhar it-3 ta' Frar u kif irrapurtat f'Minuti 06/K6/2010 item 8.03.

12.37. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

12.38. Il-Kunsill qabel unanimament.

12.39. Is-Sindku Joe Zammit ghalaq il-laqgha fit-8.00pm wara li ntlahaq ftehim li l-laqgha li jmiss issir nhar l-Erbgha 28 ta' April 2010 fil-5.30 pm.

| Joe Zammit | Kevin Borg |
|---|---|
| ***Sindku*** | ***Segretarju Ezekuttiv*** |